DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 113/2010

tal-1 ta' Ottubru 2010

li temeda l-Anness XXII (Il-liġi tal-Kumpaniji) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat permezz tal-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XXII għall-Ftehim ġie emendat b'Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 95/2010 tat-2 ta' Lulju 2010 ([1]).

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 243/2010 tat-23 ta' Marzu 2010 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1126/2008 li jadotta ċerti standards internazzjonali tal-kontabilità skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward Titjib għall-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtaġġ Finanzjarju (IFRSs) ([2]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 244/2010 tat-23 ta' Marzu 2010 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1126/2008 li jadotta ċerti standards internazzjonali tal-kontabilità skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward Titjib għall-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtaġġ Finanzjarju (IFRSs) 2 ([3]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-inċiżi li ġejjin għandhom jiżdiedu mal-punt 10ba (Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1126/2008) tal-Anness XXII għall-Ftehim:

"— **32010 R 0243:** Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 243/2010 tat-23 ta' Marzu 2010 (ĠU L 77, 24.3.2010, p. 33),

— **32010 R 0244:** Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 244/2010 tat-23 ta' Marzu 2010 (ĠU L 77, 24.3.2010, p. 42)."

Artikolu 2

It-testi tar-Regolamenti (UE) Nri 243/2010 u 244/2010 fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar l-1 ta' Novembru 2010, kemm-il darba ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Ottubru 2010.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Stefán Haukur JÓHANNESSON

([1]) ĠU L 277, 21.10.2010, p. 52.
([2]) ĠU L 77, 24.3.2010, p. 33.
([3]) ĠU L 77, 24.3.2010, p. 42.

(*) Mhuma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.